MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 2269/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Thornton u l-istess Alfred Thornton**

**vs**

**Consiglio Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta Novembru 2003 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta tliet mija u sittax il-lira tnejn u sebghin centezmu (Lm316.72) rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-vettura tal-attur assikurat fl-incident stradali li sehh nhar l-1 ta Settembru 2002 fiz-Zejtun bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut numru GAI 947 u dik proprjeta tal-attur assikurat numru DBI 609 ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-parir legali u tal-ittra ufficcjali datata 15 ta Lulju 2002 kontra l-konvenut u ta ittra

ufficcjali ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-2 ta’ Dicembru 2003 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li jallega li ma kellu ebda htija ghall-incident stradali in kwistjoni.

Ra x-xhieda prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-kollizjoni meritu ta dina l-kawza tikkoncerna impatt bejn zewg vetturi u cioe dik tal-attur assikurat li kienet miexja fit-trieq principali u dik tal-konvenut li kien hiereg minn triq ohra parallela mat-trieq principali li kienet tizbokka fuq l-istess triq principali. Id-differenza fil-verzjoni bejn is-sewwieqa rispettivi tinsab fil-fatt li filwaqt li l-attur assikurat jallega li habat mal-vettura tal-konvenut peress li dan ta l-ahhar hariglu f’daqqa mill-imsemmija triq laterali u kwindi holoqlu ostakolu istantaneu, il-konvenut ighid li huwa hasss id-daqqa fuq in-naha ta wara tal-vettura tieghu xi zmien wara li kien ilu li hareg mill-istess trieq laterali. Qabel ma tohrog minn din it-trieq laterali mnejn kien gej il-konvenut, liema trieq kienet tinsab fuq in-naha tal-lemin tal-istess attur, dan ta l-ahhar jallega li kien hemm stop sign u l-konvenut qabad u hareg minn hemm minnghajr ma waqaf il-ghaliex ma kienux gejjin vetturi mill-karreggjata opposta - kwindi l-konvenut qabad u hareg, qasam it-trieq u ostakola lill-attur biex spicca dahal go fih. L-attur jichad li halla brake marks warajh u jghid li waqaf biss xi zewg vetturi tul boghod mit-trieq laterali mnejn hareg il-konvenut. Mart l-attur, Wanda Thornton tikkonferma fis-sustanza l-verzjoni moghtija minn zewgha.

Il-konvenut da parti tieghu jikkonferma li l-incident sehh fl-Main road u li hu kien gej minn triq laterali pero jinsisti li qabel ma hareg, huwa waqaf u hares sewwa. Fil-fatt jallega li d-daqqa huwa qalaghha meta kien gia ilu fit-trieq principali miexi ghad-dritt ghal tul ta xi tletin pied (it-tul ta Awla 15).

Illi gia gie ben rimarkat hawn fuq id-differenza fil-verzjoni tal-partijiet. Illi nonostante dna il-konflitt, it-Tribunal huwa aktar propens li jaghti kredibbilita lill-attur assikurat ghar-raguni illi fl-ewwel lok jidher li huwa pacifiku li l-konvenut hareg minn fuq stop sign minn go trieq laterali sekondarja ghal gewwa triq principali li generalment tkun traffikuza sew. Illi jidher li huwa pacifiku wkoll li qabel ma hareg il-konvenut minn din it-trieq laterali kien lahaq hareg huh qabblu u ghalhekk hija aktar verosimili l-verzjoni tal-attur li l-konvenut qabad u hareg (niex isegwi lil huh) milli li huwa kien fil-fatt waqaf. Il-fatt mnejn kien hiereg il-konvenut ipoggi fuqu l-obbligu mhux biss li jieqaf zopptu izda wkoll li jivverifika sew it-trieq fejn ikun hiereg halli jassikura ruhu li l-hrug tieghu ma hux ser iservi ta ostakolu jew periklu ghat-traffiku li jkun qed jiskorri fit-trieq principali. Fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut naqas minn dan l-obbligu tieghu, naqas li jzomm proper look out qabel ma hareg u serva biex holoq ostakolu ghall-attur assikurat. Oltre dan jinghad ukoll li l-verzjoni ta l-attur tinsab korroborata minn martu u t-Tribunal ma jara ebda raguni il-ghala tali verzjoni ma ghandhiex tigi emmnuta.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident meritu ta dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk qieghed jichad l-eccezzjoni minnu sollevata jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta tliet mija u sittax il-lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm316.72) bl-imghax legali dekorribbli minn-notifika ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti ghandhom jigu wkoll sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------